



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2010/2053(INI)**

10.11.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE  
(2010/2053(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Luc Bennahmias

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat dwar l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu s-suġġerimenti li ġejjin:

- A. billi s-suq intern tas-servizzi għandu jiżviluppa kompletament filwaqt li jżomm intatt il-mudell soċjali Ewropew, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg deċenti u żgur u l-benessri universali,
- B. billi bid-Direttiva dwar is-Servizzi sar ferm eħfef, l-iżjed għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, li jsegwu l-attivitajiet tagħhom, jiżviluppaw oqsma ġodda ta' negozju u wkoll li jirreklutaw persunal ġdid fi Stati Membri oħra,
- C. billi l-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi tibqa' importanti b'kruċjali għall-ikkompletar tas-suq uniku,
- D. billi s-settur tas-servizzi jħaddan fih 70% tal-okkupazzjoni u tal-PGD tal-Unjoni Ewropea u għalhekk huwa l-akbar settur fl-ekonomija tal-UE, u billi matul l-aħħar 10 snin kien hemm żieda li wasslet għall-ħolqien nett ta' impjiegi fis-settur tas-servizzi fil-biċċa l-kbira taż-żona ewro,
- E. billi settur tas-servizzi aktar dinamiku b'intensità għolja ta' mano d'opera jista' jgħin biex jiġi sostnut it-tkabbir,
  1. Jittama li d-Direttiva dwar is-Servizzi jkollha impatt pożittiv bil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, deċenti u ta' kwalità u bit-titjib fil-kwalità u fis-sikurezza tas-servizzi pprovduti;
  2. Jinnota li sabiex jinkisbu l-oġettivi kollha tad-Direttiva dwar is-Servizzi, jenħtieġ issir it-traspożizzjoni totali, koerenti u f'waqtha tagħha;
  3. Iqis li l-Direttiva dwar is-Servizzi għandha ssaħħaħ il-benessri soċjali u l-jeddijiet tal-ħaddiema u tiżgura li jkun hemm kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea;
  4. Ifakkar li d-Direttiva dwar is-Servizzi għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-trattat, u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar Unjoni Ewropea, il-klawżola soċjali orizzontali tal-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Umġoni Ewropea (FUE), l-Artikolu 14 tat-Trattat FUE, tal-Protokoll Nru 26 anness mat-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
  5. Jinnota li fl-aħħar snin is-suq intern għadda minn għadd ta' problemi, partikolarment fir-rigward tal-libertà tal-moviment, u li d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, pereżempju, ħolqot il-problemi f'diversi Stati Membri; jistieden kemm lill-Istati Membri kemm lill-istituzzjonijiet tal-UE jissoktaw jaħdmu favur ir-riżoluzzjoni ta' dawn il-problemi, b'mod partikulari l-interpretazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi fid-dawl tad-

deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi *Viking*, *Laval*, u *Rüffert* u billi jirrevedu d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema; jindika, f'dan is-sens, li l-libertajiet ekonomiċi fundamentali tas-suq ħieles għandhom ikunu kontrobalanċjati mill-jeddijiet fundamentali, inklużi l-jeddijiet soċjali fundamentali, fir-redazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, biex b'hekk is-suq intern ma jiħux preċedenza fuq il-mudell soċjali Ewropew u lanqas ma jsir aktar importanti minnu;

6. Ifakkar li d-direttiva eskudiet għadd ta' oqsma mill-ambitu ta' applikazzjoni tagħha, inklużi s-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-biċċa l-kbira tas-servizzi soċjali; jinnota li d-direttiva ma tapplikax għal-liġi tax-xogħol u ma taffettwax il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar kjarifiki fir-rigward kemm tal-limiti tal-kamp tal-amplifikazzjoni tad-direttiva, b'mod partikolari rigward in-nozzjonijiet ta' 'attivitajiet ekonomiċi', 'servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali' u 'servizzi soċjali ta' interess ġenerali', kif ukoll fir-rigward tal-applikazzjoni tad-direttiva tas-sistemi ta' awtorizzazzjoni fil-qasam tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, bir-rispett li jixraq lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
8. Iqis li l-punti ta' kuntatt waħdani għandhom ikunu aċċessibbli kemm bħala punti ta' kuntatt elettroniku kemm fiżiku fl-Istati Membri kollha u li huma partikolari effettivi billi huma faċli li jinstabu u għandhom approċċ Prattiku u multilingwi; iqis, inoltre, li l-impenn tal-punti ta' kuntatt uniku li jagħtu pariri mhux burokratiċi lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju u li jinfurmaw liċ-ċittadini dwar kwestjonijiet relatati mad-Direttiva, b'mod partikolari d-Dritt tax-xogħol applikabbli, id-Dritt tas-sigurtà soċjali u l-jeddijiet tal-impjegati fis-seħħ skont id-Direttiva, għandu jissaħħaħ; huwa tal-fehma li fid-dawl tal-kumplessità tal-leġiżlazzjoni, jemmaen li meta jsiru l-kontrolli mill-awtoritajiet tal-impjiegi u tas-sigurtà soċjali, id-djalogu u l-għoti ta' konsulenza u ta' informazzjoni għandhom jittqiesu elementi fundamentali;
9. Iqis li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni kumplessa, iċ-ċittadini kollha għandhom ikunu jistgħu jikkonsultaw mal-awtoritajiet fl-oqsma rispettivi tar-responsabbiltà tagħhom, sabiex jingħataw tweġiba preċiża għall-mistoqsijiet tagħhom; jikkunsidra li l-kunċett ta' deċiżjonijiet amministrattivi bil-quddiem għandu għalhekk ikun żviluppat fil-qasam tal-liġi tax-xogħol u fil-qasam tas-sigurtà soċjali sabiex tiġi missielta l-inċertezza legali; iqis, barra minn hekk, li sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, għandhom jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet meħuda;
10. Jiddispijaċih li mhux l-Istati Membri kollha eżegwew bis-sħiħ id-Direttiva dwar is-Servizzi, u jitlob li din l-eżekuzzjoni ssir kemm jista' jkun malajr;
11. Iqis li dawk li jevadu l-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom dwar l-impjiegi, pereżempju, billi jaħdmu xogħol mhux iddikjarat jew jaħdmu għal rashom b'mod falz, għandhom jiġu mħarrka u kkastigati;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha u biex toħroġ rapport regolari dwar l-implimentazzjoni. iqis li dawn ir-rapporti għandhom iqisu l-effetti reali fi żmien medju u fit-tul tad-Direttiva fuq l-impjiegi fl-UE.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.11.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40 -: 1 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Cofferati, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Pascale Gruny, Marian Harkin, Roger Helmer, Stephen Hughes, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Jürgen Creutzmann, Julie Girling, Jelko Kacin, Jan Kozłowski, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner, Csaba Sógor